**29 ta' April, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Stephen Borg Cardona B.A. LL.D.**

Alfred Magro f'ismu proprju u bħala leġittimu rappreżentant ta' uliedu minuri Marlene u Mary Grace, aħwa Magro, ammess għall-għajnuna legali b'digriet ta' l-4 ta' Awissu, 1986

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

**Att ta' Twelid – Korrezzjoni**

*Kawża għal korrezzjoni f'ċertifikat tat-twelid. Qed tiġi riportata bħala eżemplifikazzjoni tal-prassi tal-Qorti f'din il-materja. L-iskop tar-rapportaġġ huwa prinċipalment wieħed ta' kronaka u dokumentazzjoni ġuridika.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine*, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Marlene Magro, numru 1441 ta' l-1970, hemm tliet żbalji, u ċjoè fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija, isem u kunjom, il-missier (attur) hu erronjament indikata bħala Magri, mentri missu jiġi indikat bħala Magro, hekk ukoll l-omm hi indikata bħala mart Alfred Magri, mentri missha ġiet indikat bħala mart Alfred Magro u fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija, isem u kunjom il-missier", dana ġie indikat bħala Magri, mentri missu

ġie indikat bħala Magro; Premess illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Mary Grace, numru 4410 ta' l-1975, hemm tliet żbalji u ċjoè fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija, isem u kunjom", il-missier (attur) hu indikat bħala Magri, mentri missu ġie indikat bħala Magro, u hekk ukoll l-omm hi indikata bħala mart Alfred Magri, mentri missha ġiet indikata bħala mart Alfred Magro u fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija, isem u kunjom il-missier", dana ġie indikat bħala Magri, mentri missu ġie indikat bħala Magro;

Talab li din il-Qorti tordna lill-konvenut jissostitwixxi l-kunjum Magri flok Magro fis-segwenti postijiet:

1. fiċ-ċertifikat tat-twelid numru elf, erba' mija, wieħed u erbgħin tas-sena elf disa' mija u sebgħin;

(a) fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija – isem u kunjom":

(b) fil-kolonna "Tagħrif dwar l-omm, isem u kunjom";

(ċ) fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija – isem u kunjom il-missier";

2. fiċ-ċertifikat tat-twelid numru erbat elef erba' mija u għaxra, tas-sena elf disa' mija ħamsa u sebgħin;

(a) fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija – isem u kunjom";

(b) fil-kolonna "Tagħrif dwar l-omm, isem u kunjom";

(ċ) fil-kolonna "Tagħrif dwar missier it-tarbija, isem u kunjom il-missier";

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu u d-dokumenti esebiti;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut*, *Direttur tar-*Reġistru Pubbliku, fejn qal illi preliminarjament, mhux edott mill-fatt u jirrimetti ruħu għall-provi, illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, għax *fiż-żewġ każi, il-firem li jidhru fuq iż-żewġ ċertifikati, il-kunjom* jidher bħala Magri u mhux Magro; Illi m'għandux ibati spejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern numru 14,701 tas-6 ta' Jannar, 1987;

Semgħet lid-difensuri;

Rat il-verbal tas-27 ta' Marzu, 1987 fejn id-difensur tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, *in vista* tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 1986, fil-kawża fl-ismijiet: Paul Magri *et vs* Direttur tar-Reġistru Pubbliku" aderixxa għat-talba;

*In vista* ta' din l-adezjoni;

Tilqa' t-talbiet u tordna l-korrezzjoni mitluba fl-att tat-Twelid numru 1441 ta' l-1970 u fl-Att tat-Twelid numru 4410 ta' l-1975;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.